MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 1792/1999/1

**Anthony u Jane konjugi Borg u b'digriet tal-24 ta' Marzu 2006, stante l-mewt ta' Anthony Borg fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem l-istess Jane Borg [martu] u t-tlett uliedu Audrey Borg, Susan Borg u Ivan Borg**

**v.**

**Anthony Francis u Venera konjugi Willoughby**

**Il-Qorti;**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Awissu 1999, l-atturi premettew illi l-konvenuti jinsabu debituri versu l-atturi fis-somma ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500), rapprezentanti din is-somma flus avvanzati lill-konvenut Anthony Willoughby bhala self; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m’ghandu l-ebda eccezzjonijiet x’jaghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b’hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 167 - 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh; illi l-konvenut debitament interpellat baqa’ inadempjenti; ghalhekk talbu li dik il-Qorti:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta’ l-Artikolu 167 - 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta’ tliet elef u hames mitt lira Maltija (Lm3500);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji u l-imghax.

B’nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-10 ta’ Marzu 2000 il-konvenuti eccepew:-

1. Preliminarjament, il-gudikat stante li l-mertu tal-kawza prezenti diga` gie deciz minn din l-Onorabbli Qorti f’sentenza bejn l-istess kontendenti;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kreditu pretiz mill-atturi la huwa cert, la likwidat u wisq anqas dovut, u ghalhekk l-ewwel talba attrici mhix fondata;

3. Illi, in linea preliminari wkoll, l-eccipjenti m’ humiex il-legittimi kontraditturi tat-talba attrici, u ghandhom jigu mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi, inoltre dan, l-eccipjenti m’ ghandhom ihallsu xejn lill-atturi, billi huma qatt ma kellhom x’ jaqsmu ma’ l-istess atturi, imma ma’ binhom Ivan Borg, li mieghu kellhom negozju gestit u ghalhekk, jidher xieraq li l-istess Ivan Borg jigi kjamat fil-kawza;

5. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat is-sentenza in parte ta' dik il-Qorti moghtija fit-28 ta' Marzu 2003, li permezz taghha ddecidiet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti tar-*res judicata* billi rrespingiet l-istess eccezzjoni bl-ispejjez kontra taghhom;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet finalment minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fid-9 ta' Marzu, 2005 billi ippronunzjat ruhha hekk:

"Ghal dawn il-motivi;

"Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja r-rigett tat-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji t-talba ta' l-atturi u b'hekk tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi kif mitlub is-somma ta' tliet elef u hames mitt lira Maltija (Lm3500), bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (3 ta' Frar 2000);

"L-ispejjez gudizzjarji jibqghu a karigu tal-konvenuti."

U dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:-

"Ikkunsidrat:

"Skartata l-eccezzjoni tar-res judicata bis-sentenza tat-28 ta' Marzu 2003, jifdal li jigu konsidrati l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, senjatament dik fejn isostnu li ma humiex il-legittimi kontradditturi u li qatt ma kellhom x' jaqsmu ma' l-atturi izda se mai ma' binhom Ivan Borg li mieghu kellhom negozju. Ghandu jigi osservat illi nonostante li eccepew u ddikjaraw li l-imsemmi Ivan Borg kellu jigi kjamat fil-kawza, ghal xi raguni li jafu huma, ma ssoktawx jinsistu dwar din is-sejha fil-kors tal-proceduri;

"Manifestament minn natura ta' din l-eccezzjoni bazika l-konvenuti qed jiprospettaw id-dubju illi huma qatt ma

kellhom kuntatt negozjali ma’ l-atturi u kwindi ma assumew ebda obbligazzjoni fil-konfront taghhom. Dan, naturalment, jekk wiehed jaccetta din il-fehma tal-konvenuti, hu bazat fuq ir-raguni logika-guridika illi l-ezistenza ta’ l-obbligazzjoni tippresupponi vinkolu guridiku bejn zewg soggetti determinati, in virtu ta’ liema l-wiehed (il-kreditur) ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor (id-debitur) imgieba konsistenti jew f’“di dare” jew “di fare” jew anke “di non fare”;

“L-atturi jikkontendu li r-rabta negozjali mal-konvenuti twieldet mill-fatt illi huma avvanzaw lill-konvenuti, tramite binhom, is-somma ta’ tliet elef u hames mitt lira (Lm3500) bhala self. Biex jaghtu sostanza lil din il-kontenzjoni taghhom huma pproducew dawn l-elementi probatorji:-

(1) Binhom Ivan Borg jistqarr fl-Affidavit tieghu (fol. 42) kif ukoll fix-xhieda quddiem l-Assistent Gudizzjarju illi huwa ssellef il-flus minghand il-genituri tieghu biex jghaddihom lill-konvenuti li flimkien maghhom, kien hemm il-hsieb li jidhol f’negozju, li fil-fatt sehh, ghalkemm ghall-perijodu qasir. Dan ix-xhud jistqarr testwalment illi “dwar is-self il-konvenut kellu x’ jaqsam ma’ ommi u missieri” (fol. 76);

(2) Ix-xhud Christopher Kokavessis jghid li hu akkompanja lill-attur Anthony Borg meta marru ghand il-konvenut biex l-attur jirreklama r-radd lura ta’ l-ammont avvanzat. Huwa jzid jghid li l-konvenut talbu jissaportih ftit iehor ghax f’dak il-mument kien “imkisser fil-flus”. Ara Affidavit tieghu a fol. 73;

(3) Ic-cheque esebit a fol. 5 rilaxxjat mill-konvenut lill-attrici Jane Borg. Skond l-attrici c-cheque nghata lilha direttament mill-konvenut fl-okkazjoni li kien anke wassalha d-dar (fol. 118). Dan jikkombacja ma’ dak mistqarr mill-konvenut (fol. 97), anke jekk il-konvenuta martu tghid li c-cheque nghata lil Ivan Borg (fol. 107);

“Il-versjoni tal-konvenuti hi dik brevement hawn taht rijassunta:-

(1) Huwa ma ssellfu ebda lira minghand il-genituri ta' Ivan Borg (xhieda tal-konvenut, fol. 96) anke jekk jaqblu wkoll illi l-flus Ivan gabhom minghand ommu u missieru (fol. 42);

(2) Il-flus intuzaw ghax-xiri ta' stock ghall-pet shop li kien qed jigi gestit flimkien ma' Ivan Borg u martu. Meta ntemmet is-shubija u nbiegh l-istock, skond il-konvenut, il-ftehim kien li d-dhul imur ghandu u mbaghad jaraw x' kien hemm telf jew qliegh u wara jirrangaw. Dan ghaliex fi kliem il-konvenut "jien ma kelli nitlef ebda lira" (fol. 98). Similment tiddikjara martu fejn tghid li Ivan kien ser ibiegh l-affarijiet "telf ghalih u qliegh ghalina la gara li gara" (fol. 103);

(3) Il-konvenuti jghidu li c-cheque emess minnhom kien bhala garanzija ghaliex fi kliem il-konvenuta meta Ivan issellef minghand il-genituri tieghu ghal sehem mill-business inqala nkwiet ma' hutu. Huma sostnew ukoll illi dan ic-cheque ma kellux jigi prezentat il-Bank. Bi spjegazzjoni jghidu li kull meta Ivan ihallas lill-genituri tieghu ic-cheque kellu jigi ritornat lura u aggustat (deposizzjoni tal-konvenut a fol. 94). Anzi dan izid jistqarr illi hu appozitament issottolinea d-data tac-cheque b'double line "biex meta dan imur jissarraf, tal-Bank jindunaw li hemm xi haga mad-data u ma jissarrafx". Fil-fatt dan ic-cheque ghalkemm gie prezentat ghall-hlas lill-Bank gie "referred to drawer" ghax fondi fil-kont ma kienx hemm. Ara xhieda ta' Catherine Fenech ghal HSBC Bank (fol. 89);

"Dan premess, u identifikata l-kwestjoni li dwarha qed jikkontendu l-partijiet f'din il-kawza, jigi osservat li s-soluzzjoni tal-vertenza, anke jekk mhix facli, ma ghandhiex thalli lil din il-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` tali li ma tkunx tista' twiezen bir-reqqa dovuta u b'kuxjenza kwieta l-versjoni l-wahda u l-ohra. Minn dejjem kien accettat li fi kwistjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni offruta imma jekk din l-

ispjegazzjoni hijiex possibbli u minn ewl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja;

“Il-kwistjoni l-izjed fundamentali f’dan il-kaz tirrigwarda c-cheque mahrug mill-konvenuti. Din il-Qorti trid tara jekk ghandhiex taccetta bhala possibbli jew verosimili illi dan inhareg bhala semplici “garanzija” biex jovvja ghall-inkwiet bejn Ivan Borg u hutu, kif hekk isostnu l-konvenuti, jew invece dan giex emess b’obbligazzjoni inter contrahentes biex jaghti fidi u, allura wkoll, titolu lill-atturi ghall-flejjes avvanzati lill-konvenuti, kif hekk pretiz mill-atturi;

“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti jallegaw illi c-cheque favur l-atturi nhareg bl-ingann ta’ Ivan Borg, persuna li mhux parti fil-kawza, u konsegwentement jissottomettu li l-kunsens tal-konvenut, meta hareg ic-cheque, kien wiehed vizzjat;

“Issa apparti l-fatt li l-konvenuti ma ddeducew ebda eccezzjoni formali f’dan is-sens u kuntest, mic-cirkostanzi, konsiderati kollha flimkien, din il-Qorti mhux biss ma ssibx li tista’ taghti affidament lil din l-allegazzjoni izda pjuttost bil-kontra. Dan ghar-raguni illi jekk il-konvenut, kif ammess minnu, appozitament issottolinea d-data ghal darbtejn fuq ic-cheque, biex b’hekk il-Bank jintebah u ma jsarrfux, din id-dikjarazzjoni, fiha nfisha, mhux biss ma taghmelx il-versjoni tieghu wahda fededenja izda thalli wkoll sapur ta’ intenzjoni malizzjuza. U kif jinghad, “in malitiis, non est indulgendum”;

“Respinta allura din is-sottomissjoni ta’ xi adoperu ta’ ingann tali li seta’ jinficja l-kunsens tal-konvenut li hareg ic-cheque, in tema legali ghandu jigi osservat illi l-emissjoni ta’ cheque hi prova dokumentali ta’ l-element kostitutiv tar-rapport u jikkreja, in materja, il-presunzjoni legali relattiv tat-titolarita` tad-dritt stabbilit f’dan id-dokumenti (ic-cheque) ghaf-favur tal-persuna legittimata. Dan ghaliex, kif deciz, “ic-cheque ... intrinsikament mhuwiex hag’ ohra hlief dokument ta’ kreditu (credit document - documento rappresentante un credito presso una banca)” (Kollez. Vol. XLVI P II p 600). F’idejn il-pussessur ic-cheque ghandu l-vantagg konsimili ghal dak

li ghandu titolu kambjarju. Ara Kollez. Vol. LXXVI P II p 520 u "Luigi Portelli et nomine -vs- Dr. John C. Grech nomine", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

"In kwantu tali, ir-relazzjoni kif emergenti minn wicc ic-cheque, hi allura ekwiparata ghar-relazzjoni bejn it-traent u t-trattarju kif emergenti minn wicc il-kambjali stess. Hu dan l-apsett li jaghmel l-azzjoni kambjarja azzjoni awtonoma. Ara f'dan is-sens decizjonijiet fl-ismijiet "United Acceptances Finance Ltd -vs- Mario Grech proprio et nomine", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, u "Adrian Busietta nomine -vs- Marco Attard nomine", 9 ta' Frar, 2001;

"Ghalhekk il-kreditur li jagixxi, invokanti titolu simili, hu f'certu sens dispensat bis-sahha ta' l-istess cheque u titolu milli jipprova r-rapport fondamentali; mentri d-debitur, emissarju tac-cheque, ma jistax jippretendi li jista' johloq dubji fuq it-titolarita` tal-kreditu vantat, u in mankanza ta' eccezzjonijiet jew difiza riflettenti fuq l-obbligazzjoni - ad exemplum, l-exceptio doli - ikollu jbati r-riskju ta' l-eventwali rifjut jew nuqqas tal-hlas reklamat;

"Ma huwiex accettabbli l-argument tal-konvenut illi s-sentenza in sede penali (esebita a fol. 112) sabet li l-verzjoni ta' Anthony Willoughby kienet aktar attendibbli jew verosimili.

"Dik il-Qorti ta' Appell Kriminali sempliciment ikkonstatat li ma kienx hemm la l-frodi u lanqas raggiri jew artifizji. Irrilevat ukoll illi l-fatt li wara, meta kellu jsir il-hlas, jew meta l-attrici odjerna nsistiet ghall-hlas, il-konvenut hareg cheque fuq kont vojt ma kienx ifisser li t-trasferiment originali tal-flus minghand l-attrici lill-konvenut kien karpit b'ingann. Minn dan huwa ovvju illi dik il-Qorti bl-ebda mod ma tat xi certifikat lill-konvenut li l-versjoni tieghu kienet aktar kredibbli. Illimitat ruhha biss ghall-punt guridiku involut in criminalibus u mhux ukoll civiliter;

"In bazi ghal konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula din il-Qorti thoss li ma tistax toqghod b'affidament fuq il-versjoni tal-konvenuti u konsegwentement ma tistax

tammetti la l-eccezzjonijiet taghhom ghal dak li jirrigwarda l-vinkolu negozjali u lanqas is-sottomissjonijiet taghhom fil-meritu.”

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravti bis-sentenza fuq riportata u b’hekk, b’rikors intavolat fit-28 ta’ Marzu 2005, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija dina l-Qorti tvarja, thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq riportata u minflokk tilqa’ dan l-appell u l-eccezzjonijiet ta' l-appellanti.

L-atturi appellati intavolaw risposta ghar-rikors fuq imsemmi fejn, filwaqt li ssottomettew li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, talbu wkoll li, in vista tal-fatt li l-appell huwa totalment frivolu u vessatorju, jigu imposti kontra l-appellanti s-sanzjonijiet ikkontemplati fl-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundanna lill-istess appellanti jhallsu l-ispejjez doppji.

**L-aggravji tal-konvenuti appellanti.**

Minn qari akkurat tar-rikors ta’ l-appell jidher li l-appellanti ressqu aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata u cioe` li kien hemm ftehim bejn l-atturi u l-konvenuti li c-cekk mahrug mill-konvenuti favur Jane Borg qatt ma kellu jissarraf billi kien inhareg bhala garanzija.

**Ikkunsidrat:**

L-uniku argument li l-konvenuti appellanti ressqu in sostenn ta' l-appell taghhom huwa li c-*cheque* in kwistjoni inhareg b’kundizzjoni li ma jissarrafx. Din is-sottomissjoni saret quddiem l-ewwel Qorti li pero` giet skartata u dik il-Qorti, korrettament, iddecidied fuq l-principju li *cheque* huwa “*prova dokumentali ta’ l-element kostitutiv tar-rapport u jikkrea, in materja, il-presunzjoni legali relattiv tat-titolarita` tad-dritt stabbilit f’dan id-dokument ghaf-favur tal-persuna legittimata.*”

Din il-Qorti taqbel pienament ma' dan il-hsieb billi l-hrug ta’ cheque ma hu xejn anqas minn ordni lill-bankier jew

kaxxier biex dan ihallas, mill-*account* tad-debitur, is-somma hemm indikata. Ghalhekk hija banali l-ispjegazzjoni tal-konvenuti li dan ic-*cheque* kellu biss iservi ta’ garanzija. Hu, tistaqsi l-Qorti, x’garanzija kienet din jekk, anke fil-mument li inhareg ic-*cheque*, l-istess konvenut kien jaf li fl-account tieghu ma kienx hemm fondi bizzejjed biex jissodisfaw l-ammont indikat fic-*cheque*?

Din il-Qorti fir-rigward tistaqsi wkoll, ghala l-konvenut hareg *cheque* favur l-attrici jekk, kif dejjem sostna, hu ma kellux relazzjoni guridika ma' l-atturi? U ghala, skond il-konvenuti, l-istess *cheque* kellu jigi ritornat kull meta jsir pagament biex jinhareg *cheque* iehor f’ammont inqas? Dawn il-kweziti certament juru li l-konvenuti kienu irrikonoxxew id-debitu taghhom fil-konfront ta’ l-atturi u riedu jaghmlu tajjeb ghad-dejn bil-hrug tac-*cheque*.

Illi tenut kont tal-provi prodotti din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti u ma tara ebda raguni 'l ghala ghandha tvarja s-sentenza appellata billi minn jirrilaxxa *cheque* ma jistax jippretendi li dan jkun kondizzjonat stante li dan id-dokument huwa dejjem xiehda ta’ debitu ta' l-ammont hemm imsemmi u fin-natura tieghu jammonta ghall-ordni ta’ hlas.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fit-totalita` taghha bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------